



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 12 ta' April 2013 (19.04)
(OR. en)**

8416/13

**COHOM 64
PESC 403
OC 213**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. preċ.	8372/13 COHOM 63 PESC 393
Suġġett:	Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt LINJI GWIDA KOMUNI Skadenza għall-konsultazzjoni: 16.4.2013

1. Il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM) stabbilixxa, fit-2 ta' April 2013, l-abbozz rivedut tal-"Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt", kif jinsab fl-Anness.
2. Fl-12 ta' April 2013, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà approva l-abbozz tat-test imsemmi hawn fuq.
3. Għalhekk il-COREPER huwa mistieden japprova l-abbozz tal-"Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt" u jippreżentah lill-Kunsill għall-adozzjoni.

LINJI GWIDA TAL-UE DWAR IL-PIENA TAL-MEWT**I. INTRODUZZJONI**

- i. L-Unjoni Ewropea għandha oppożizzjoni qawwiha u inekwivoka għall-piena tal-mewt fil-mumentu kollha u fiċ-ċirkostanzi kollha¹. Għalhekk, u mħeġġa mill-momentum dejjem jikber lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt fid-dinja kollha, l-UE ser tkompli bil-kampanja tagħha li ilha għaddejja kontra l-piena tal-mewt².
- ii. In-Nazzjonijiet Uniti, *inter alia* fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC) u fis-Salvagwardji tal-ECOSOC li Jiggarantixxu l-Protezzjoni tad-Drittijiet ta' Dawk li qed jaffaċċjaw il-Piena tal-Mewt, stabbilixxiet kondizzjonijiet stretti li taħthom tista' tintuża l-piena tal-mewt minn dawk l-Istati Membri li għadhom ma abolixxewhiex³. It-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-ICCPR jorbot lill-kull Stat Parti biex jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jaboloxxi permanentament il-piena tal-mewt fil-ġurisdizzjoni tiegħu proprja.
- iii. Matul is-62, it-63, il-65 u s-67 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Plenarja tal-Assemblea Ġenerali adottat, b'maġġoranzi dejjem tiżdied, ir-risoluzzjonijiet tat-Tielet Kumitat dwar Moratorja fuq l-użu tal-piena tal-mewt (62/149, 63/168, 65/206 u 67/176). L-Unjoni Ewropea pparteċipat b'mod attiv fl-alleanza trans-reġjonali li wasslet b'suċċess u ggwidat dawn l-inizjattivi mill-Assemblea Ġenerali u l-Istati Membri kollha tal-UE kosponsorizzaw dawn l-inizjattivi. F'dawn ir-risoluzzjonijiet, l-Assemblea Ġenerali tappella lill-Istati kollha li għad għandhom il-piena tal-mewt biex:

1 Dikjarazzjoni Konġunta UE/Kunsill tal-Ewropa fil-Ġurnata Dinjija Kontra l-Piena tal-Mewt tal-10 ta' Ottubru 2012.

2 Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, Lussemburgu, 25 ta' Ġunju 2012, 11855/12.

3 Distinzjoni ċara saret mill-Kumitat dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-Komunikazzjoni Hudge v Canada Nru. 829/1998, U.N. Doc. CCPR/C/78/D/829/1998 (2003).

- Jirrispettaw l-standards internazzjonali li jipprovdu salvagwardji li jiggarrantixxu l-protezzjoni tad-drittijiet ta' dawk li qed jaffaċċjaw il-piena tal-mewt, b'mod partikolari l-standards minimi⁴;
- Jagħmlu disponibbli l-informazzjoni rilevanti fir-rigward tal-użu tagħhom tal-piena tal-mewt li tista' tikkontribwixxi għal dibattiti internazzjonali u nazzjonali li jkunu trasparenti u informati.
- Jirrestrinġu progressivament l-użu tal-piena tal-mewt u ma jimponux il-piena kapitali għal reati mwettqa minn persuni taħt it-tmintax-il sena u fuq nisa tqal.
- Inaqqsu l-għadd ta' reati li għalihom tista' tiġi imposta l-piena tal-mewt;
- Jistabbilixxu moratorju fuq eżekuzzjonijiet bil-ħsieb li tiġi abolita l-piena tal-mewt⁵.

Dawn ir-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali jappellaw ukoll lill-Istati li jkunu abolixxew il-piena tal-mewt biex ma jerġgħux jintroduċuha u jħeġġuhom jikkondividu l-informazzjoni tagħhom f'dan r-rigward⁶.

Ir-Riżoluzzjoni 67 tal-UNGA tappella wkoll lill-Istati li jkunu għadhom m'għamlux dan biex jikkunsidraw l-adeżjoni għat-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi jew ir-ratifika tiegħu bl-għan li tiġi abolita l-piena tal-mewt.

Ir-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali huma konformi mar-riżoluzzjonijiet dwar il-piena tal-mewt kif adottati mill-Kummissjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-sessjonijiet konsekuttivi kollha, bl-aħħar waħda tkun ir-riżoluzzjoni 2005/59.

L-UE tappoġġa l-appell li l-aġenziji kollha tan-Nazzjonijiet Uniti, il-korpi reġjonali intergovernattivi u l-NGOs għandhom ikomplu jappoġġaw lill-Istati fl-abolizzjoni tal-piena tal-mewt permezz tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni teknika, ta' monitoraġġ u ta' sostenn⁷.

⁴ Salvagwardji tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti li Jiggarrantixxu l-Protezzjoni tad-Drittijiet ta' dawk li qed Jaffaċċjaw il-Piena tal-Mewt, Riż. 1996/15, Dok. tan-NU E/CN.15/1996/15 (1996) tal-ECOSOC.

⁵ UNGA RES 67/176.

⁶ UNGA RES 67/176.

⁷ Rapport tas-Segretarju Ġenrali tan-NU, A/HRC/18/20, para 61, 4 ta' Lulju 2011.

F'dan il-kuntest, l-UE ser tkompli taħdem mill-qrib mas-soċjetà ċivili u tappoġġa ir-rwol essenzjali tagħha ta' rappurtaġġ, sensibilizzazzjoni u sejħa għal azzjoni.

L-UE tinnota wkoll l-azzjonijiet importanti li qed jittieħdu minn partijiet interessati oħra inkluża l-Kummissjoni Internazzjonali Kontra l-Piena tal-Mewt kif ukoll inizjattivi mill-Parlementi.

- iv. Fil-Laqgħa Għolja tal-Kunsill tas-Summit tal-Ewropa ta' Ottubru 1997, il-Kapijiet tal-Gvernijiet, inklużi l-Istati Membri tal-UE kollha, appellaw għall-abolizzjoni universali tal-piena tal-mewt. Minbarra dan, l-istati l-ġodda tal-Kunsill tal-Ewropa impenjaw irwiehom għall-moratorja u li jirratifikaw is-6 Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) li jimpenjahom għal abolizzjoni permanenti. Is-6 Protokoll ġie rratifikat mill-Istati Membri kollha tal-UE. It-13 il-Protokoll tal-ECHR, li ġie ffirmat mill-Istati Membri kollha tal-UE u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2003, jimpennja lill-Istati Membri kkonċernati għall-abolizzjoni permanenti tal-piena tal-mewt fiċ-ċirkustanzi kollha.

Il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa f'Settembru 2007 ddeċieda li jiddikjara "Ġurnata Ewropea kontra l-Piena tal-Mewt" li għandha tiġi mmarkata kull sena fl-10 ta' Ottubru biex tikkoinċidi mal-Ġurnata Dinjija Kontra l-Piena tal-Mewt. F'Diċembru 2007, din il-Ġurnata Ewropea ġiet iddikjarata wkoll mill-Unjoni Ewropea.

- v. L-Artikolu 2 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li sar legalment vinkolanti bis-saħħa tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, jipprevedi li ħadd m'għandu jkun ikkundannat għall-piena tal-mewt, jew issentenzjat. L-Artikolu 3 tagħha jiddikjara li kulħadd għandu d-dritt ta' rispett għall-integrità fiżika u mentali tiegħu jew tagħha. L-Artikolu 4 tagħha jipprojbixxi t-tortura u t-trattament jew pieni inumani jew degradanti u l-Artikolu 19(2) jiddikjara li ħadd m'għandu jitneħħa, jitkeċċa jew jiġi estradit lejn Stat fejn hemm riskju serju li hu jew hi jkunu soġġettati għall-piena tal-mewt, tortura jew trattament jew kastig ieħor inuman jew degradanti⁸.

⁸ L-Artikolu 19(2) huwa implimentat fil-prattika bl-inklużjoni ta' klawnsoli li jippermettu r-rifjut ta' kooperazzjoni fi ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi dwar kooperazzjoni f'materji kriminali. Eżempji jinkludu l-ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-estradizzjoni, 25 ta' Ġunju 2003, (l-Artikolu 13 jirrifjuta l-estradizzjoni f'każ ta' riskju ta' piena tal-mewt); il-ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar assistenza legali ġuridika f'materji kriminali, 14 ta' Lulju 2004; u l-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar assistenza legali reċiproka f'materji kriminali, 30 ta' Novembru 2009 (Art. 11).

L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma impenjati bis-sħiħ għal dawn id-dispożizzjonijiet u jimplimentawhom fil-prattika. L-abolizzjoni hija wkoll prekundizzjoni għal pajjiżi kandidati li jfittxu adeżjoni mal-UE.

- vi. Fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), l-Istati parteċipanti huma mpenjati taħt id-dokument ta' Kopenġagen li jagħmlu skambju tal-informazzjoni dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt u li jagħmlu dan disponibbli għall-pubbliku. L-UE twettaq dan bi prospetti regolari fil-qafas tad-Dimensjoni Umana tal-OSKE. Fl-2009 u l-2010, l-OSKE adottat riżoluzzjonijiet dwar il-piena tal-mewt⁹.
- vii. L-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali kif ukoll l-istatuti tat-tribunali kriminali ad hoc ibridi u internazzjonali,¹⁰ li kollha ngħataw appoġġ mill-UE, ma fihom l-ebda disposizzjoni li timponi l-piena tal-mewt, minkejja l-fatt illi twaqqfu sabiex jittrattaw ksur kbir tal-liġi umanitarja inkluż il-ġenoċidju.
- viii. L-UE timmonitorja mill-qrib u tinkoraġġixxi miżuri u inizjattivi meħuda minn organizzazzjonijiet reġjonali oħra inter alia l-Unjoni Afrikana u l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani li jaħdmu lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt.
- ix. L-UE ser tkompli dawn il-Linji Gwida taħt reviżjoni regolari u taħseb li twettaq tali reviżjoni kull tliet snin, jekk ikun meħtieġ.

⁹ Ir-riżoluzzjoni dwar moratorju fuq il-piena tal-mewt u lejn l-abolizzjoni tagħha, adottata mill-Kumitat Ġenerali dwar Kwistjonijiet ta' Demokrazija, ta' Drittijiet tal-Bniedem u Umanitarji tal-Assemblea Parlamentari tal-OSKE f'Vilnius fit-Tmintax-il Sessjoni Annwali fl-1 ta' Lulju 2009 u r-riżoluzzjoni dwar il-Piena tal-Mewt adottata mill-Kumitat Ġenerali dwar Kwistjonijiet ta' Demokrazija, ta' Drittijiet tal-Bniedem u Umanitarji tal-Assemblea Parlamentari tal-OSKE f'Oslo fid-Dsatax-il Sessjoni Annwali fis-6 ta' Lulju 2010.

¹⁰ ICTR, SCSL, STL, ECCC.

II. KARTA OPERATTIVA

L-UE tikkunsidra li l-piena tal-mewt tikkostitwixxi vjolazzjoni serja tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dinjità umana. Imħeġġa mill-momentum dejjem jikber lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt fid-dinja kollha, l-UE ser tkompli bil-kampanja tagħha li ilha għaddejja kontra l-piena tal-mewt¹¹.

L-abolizzjoni tal-piena kapitali tikkontribwixxi għall-iżvilupp progressiv tad-drittijiet tal-bniedem. Il-piena kapitali hija inumana u mhix meħtieġa. M'hemmx prova konvinçenti li turi li l-piena tal-mewt isservi ta' deterrent għal reat. Barra minn hekk, kwalunkwe żball għudizzjarju jista' jwassal għal qtil intenzjonali ta' persuna innoçenti mill-awtoritajiet statali.

L-objettivi tal-Unjoni Ewropea huma:

- Li taħdem favur l-abolizzjoni universali tal-piena tal-mewt bħala politika sostnuta b'mod qawwi mill-Istati Membri kollha tal-UE
- Fejn il-piena tal-mewt għadha teżisti, l-UE ser,
 - o Issostni l-istabbiliment immedjat ta' moratorja fuq l-użu tal-piena tal-mewt bil-ħsieb ta' abolizzjoni.
 - o tappella biex l-użu tagħha jiġi restritt b'mod progressiv, inkluż bi tnaqqis fl-għadd ta' reati li għalhom tkun ser tiġi implimentata l-piena tal-mewt,
 - o issostni li hi tiġi applikata b'rispett lejn l-istandards minimi kif jinsabu f'dawn il-Linji gwida
 - o tfittex informazzjoni preçiza dwar l-użu tal-piena tal-mewt inkluż ir-reat li għalih tintuża, l-għadd ta' persuni ssentenzjati għal mewt, l-għadd ta' eżekuzzjonijiet mwettqa, l-għadd ta' persuni li għandhom sentenza ta' mewt, l-għadd ta' sentenzi ta' mewt revokati jew ikkommutati fuq appell u l-għadd ta' istanzi li fihom ingħatat klemenza, u biex tinkludi informazzjoni dwar il-punt sa liema standards minimi huma inkorporati fil-liġi nazzjonali;
 - o fejn adatt, tfittex data diżaggregata dwar in-nazzjonalità, is-sess, l-età, l-orìġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-tvemmin, l-orjentazzjoni sesswali u status ieħor, inkluża d-diżabbiltà, ta' persuni ssentenzjati jew li qed jaffaċċjaw il-piena tal-mewt.

¹¹ Lingwaġġ tal-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, Lussemburgu, 25 ta' Ġunju 2012, 11855/12.

Dawn l-objettivi jiffirmaw parti integrali mill-politika tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE u ħafna huma azzjonijiet iddefeniti espliċitament taħt il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija¹².

Fl-2005 l-UE, eżerċitat is-setgħat tagħha rigward il-politika kummerċjali u adottat Regolament li jipprojbixxi kummerċ f'oġġetti li m'għandhom l-ebda użu prattiku ħlief għall-fini ta' piena kapitali jew għat-tortura u trattament ħażin kif ukoll il-forniment ta' assistenza teknika relatata ma' tali oġġetti. Ir-regolament jipprevedi wkoll kontrolli tal-esportazzjoni fuq ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għal tali finijiet. B'risposta għal żviluppi rigward il-piena kapitali, il-lista ta' oġġetti kkontrollati ġiet emendata f'Diċembru 2011. Bħala riżultat, il-kontrolli tal-esportazzjoni huma issa applikati għal aġenti anestetiċi barbiturici li jaġixxu fuq perijodu qasir u intermedju, li jistgħu jintużaw għall-eżekuzzjoni ta' essrijiet umani permezz ta' injezzjoni letali. Barrra minn hekk, ir-Regolament qed jiġi rieżaminat biex jiġi vvalutat jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali sabiex jiġi żgurat li l-operaturi ekonomiċi tal-UE ma jagħmlux kummerċ li jew jippromwovi jew altrimenti jiffaċilita l-piena kapitali f'pajjiżi barranin.

L-Unjoni Ewropea ser tkompli tintensifika l-inizjattivi tagħha, inkluż id-dikjarazzjonijiet jew il-proċeduri politiċi dwar il-piena tal-mewt, fil-fora internazzjonali u lejn pajjiżi oħra, fid-dawl tal-Karta tal-Istandards Minimi mehmuża.

L-Unjoni Ewropea ser tikkunsidra, każ b'każ, u fuq il-bażi ta' kriterji rilevanti, jekk twettaqx proċedura politika jiġifieri jekk tagħmilx privatament rappreżentazzjonijiet diplomatiċi formali tal-pożizzjonijiet uffiċjali tal-UE, jew jekk tagħmilx dikjarazzjonijiet pubbliċi indirizzati lil pajjiżi oħrajn dwar l-użu tal-piena tal-mewt.

L-elementi prinċipali tal-approċċ tal-UE ser ikunu kif ġej:

¹² Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, Lussemburgu, 25 ta' Ġunju 2012, 11855/12.

PROĊEDURI POLITIĊI ĠENERALI

Fejn ikun rilevanti, l-Unjoni Ewropea ser tqajjem il-kwistjoni tal-piena tal-mewt fid-djalgi u l-konsultazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi. L-elementi f' dawn il-kuntatti ser jinkludu:

- L-appell tal-UE għall-abolizzjoni universali tal-piena tal-mewt, jew tal-inqas għal moratorju bil-ħsieb tal-abolizzjoni.
- Fejn jinżamm l-użu tagħha, l-UE ser tenfasizza li l-istati għandhom jużaw il-piena tal-mewt biss f'konformità mal-istandards minimi kif imniżżla fil-karta mehmuża, abbażi tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u standards oħra internazzjonali, u għandhom iżommu trasparenza massima fuq l-użu tagħha, inkluż permezz tal-ippubblikar ta' informazzjoni preċiża dwar il-piena tal-mewt u l-użu tagħha.

In-natura preċiża ta' dawn l-approċċi ser tiegħu f'kunsiderazzjoni, *inter alia*:

- Jekk il-pajjiż għandux sistema ġudizzjarja indipendenti u effiċjenti li tiggarantixxi proċess ġust għal kwalunkwe persuna akkużata;
- Jekk il-pajjiż għandux obbligi internazzjonali sabiex ma jużax il-piena tal-mewt;
- Jekk is-sistema legali tal-pajjiż, u l-użu tiegħu tal-piena tal-mewt, hijiex magħluqa għall-iskrutinju tal-pubbliku;
- U jekk hemmx indikazzjonijiet illi l-piena tal-mewt tintużax ħafna bi ksur tal-istandards minimi.

Għandha tingħata konsiderazzjoni partikolari għat-twertieq ta' proċeduri politiċi tal-UE dwar l-użu tal-piena tal-mewt f'dawk il-mumentu meta l-politika tal-pajjiż dwar il-piena tal-mewt tkun qiegħda tinbidel, eż fejn moratorju uffċjali jew *de facto* dwar il-piena tal-mewt ikun ser jintemm, jew fejn il-piena tal-mewt tkun ser tiġi introdotta mill-ġdid jew estiża permezz ta' leġiżlazzjoni.

Ser tingħata konsiderazzjoni partikolari għar-rapporti u l-konklużjonijiet mill-mekkaniżmi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem rilevanti.

Fejn pajjiżi jieħdu passi lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt għandha ssir proċedura politika jew dikjarazzjoni pubblika.

KAŻIJET INDIVIDWALI

Minbarra dan, fejn l-Unjoni Ewropea ssir taf dwar każijiet individwali tal-piena tal-mewt b'mod partikolari dawk li jiksru l-istandards minimi, l-UE ser tikkunsidra li twettaq proċeduri politiċi speċifiċi. L-azzjonijiet ser jiġu kkunsidrati fuq bażi ta' każ b'każ u jistgħu jiġu kkunsidrati interventi fi proċeduri legali (bħall-amicus curiae, jew xi ħaġa oħra) fejn adatt u legalment permissibbli.

Il-ħeffa spiss tkun essenzjali f'dawn il-każijiet. L-Istati Membri li jipproponu dawn il-proċeduri politiċi għandhom għalhekk jipprovdu informazzjoni kemm jistgħu waqt li jużaw is-sorsi disponibbli kollha. Din għandha tinkludi dettalji fil-qosor tar-reat allegat, il-proċeduri kriminali, in-natura preċiża tal-ksur tal-istandards minimi, l-istatus ta' kwalunkwe appell u, jekk tkun magħrufa, id-data mistennija tal-esekuzzjoni.

Meta hemm biżżejjed ħin għandha tingħata konsiderazzjoni sabiex jinkisbu, mill-Kapijiet tal-Missjoni, informazzjoni dettaljata u parir dwar il-każ qabel ma jsiru l-proċeduri politiċi.

Il-linji gwida attwali jistgħu jinqraw b'mod produttiv flimkien mal-Linji Gwida l-oħra tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari il-Linji Gwida għall-Politika tal-UE rigward Pajjiżi Terzi dwar it-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra, il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem.

RAPPORTAR DWAR ID-DRITTJIET TAL-BNIEDEM

Il-Kapijiet tal-Missjoni tal-UE għandhom jinkludu analiżi tal-applikazzjoni u l-użu tal-piena tal-mewt u l-effett ta' azzjoni tal-UE f'dan ir-rigward fir-rapportar tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż fl-istrateġiji dwar id-drittijiet tal-bniedem.

RIŻULTATI POSSIBBLI TAL-INTERVENTI TAL-UE: INIZJATTIVI OĦRAJN

L-UE ser tinkoraġġixxi lill-pajjiżi biex jirratifikaw, jew jaċċedu għat-Tieni Protokoll Fakultattiv tal-ICCPR u l-istrumenti reġjonali komparabbli. Ser tappoġġa wkoll l-iżvilupp ta' tali strumenti reġjonali fejn huma ma jeżistux.

Biex tilħaq l-għan tagħha ta' abolizzjoni, l-UE ser ukoll:

- Tinkorraġġixxi l-istati sabiex jirratifikaw, mingħajr riżervi, u jikkonformaw mal-Istrumenti internazzjonali dwar l-użu tal-piena tal-mewt, inkluż l-ICCPR;
- Tinkorraġġixxi u toffri kooperazzjoni bilaterali u multilaterali, inter alia f'kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili, inkluż fil-qasam legali bl-għan li ssaħħaħ id-dritt għal proċess ġust u imparzjali għall-każijiet kriminali u biex toħloq aktar trasparenza madwar l-użu tal-piena tal-mewt.
- Permezz tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) l-UE ser tkompli tappoġġa lis-soċjetà ċivili fl-azzjonijiet tagħha li jippromwovu l-abolizzjoni, l-istabbiliment ta' moratorji u restrizzjonijiet għall-użu tal-piena tal-mewt. L-UE tibqa' l-akbar donatur f'dan il-qasam.
- Tiżgura li l-azzjonijiet, bħall-assistenza legali, finanzjarja u teknika oħra lill-pajjiżi terzi ma tikkontribwixxix għall-użu tal-piena tal-mewt.

AZZJONI F'FORA MULTILATERALI

L-UE ser tqajjem il-kwistjoni tal-piena tal-mewt f'fora multilaterali u taħtaf l-opportunitajiet xierqa kollha biex tippreżentalhom inizjattivi mmirati għall-introduzzjoni ta' moratorju dwar l-użu tal-piena tal-mewt u, fiż-żmien debitu, l-abolizzjoni. Kull fejn xieraq, l-UE ser tfittex li tinkludi referenzi għall-istabbiliment ta' moratorju fuq l-esekuzzjonijiet u l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt fid-dokumenti prodotti taħt il-proċedimenti ta' dawn il-fora multilaterali. Dan jinkludi rakkomandazzjonijiet adatti mill-Istati Membri bħala parti mill-Proċess ta' Rieżami Perjodiku Universali (UPR) tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-NU. L-UE ser tikkoopera wkoll mat-talbiet tal-korpi tan-NU għal informazzjoni dwar rapporti ta' konsultazzjoni u ser tinkoraġġixxi lill-Istati Membru tagħha biex jagħmlu l-istess.

L-UE ser tinkoraġġixxi l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali rilevanti biex jappoġġaw lill-Istati sabiex jieħdu l-passi xierqa sabiex jikkonformaw mal-istandards minimi marbuta mal-piena tal-mewt, u jinkoraġġixxuhom aktar biex jirratifikaw, mingħajr riżervi, u jikkonformaw mat-trattati internazzjonali li jirrigwardaw il-piena tal-mewt.

III. KARTA TAL-ISTANDARDS MINIMI

Filwaqt li tkompli tiddikjara l-oppożizzjoni qawwija tagħha għall-piena tal-mewt u ssostni l-abolizzjoni sħiħa tagħha, l-UE għandha tinsisti li dawk il-pajjiżi li għad għandhom eżekuzzjonijiet jirrispettaw l-istandards minimi li ġejjin:

- i) Il-piena tal-mewt m'għandhiex tiġi imposta għal atti mhux vjolenti bħal reati finanzjarji jew ekonomiċi, jew minħabba reati jew rivalitajiet politiċi. M'għandhiex tiġi imposta għal reati marbuta mad-droga, prattiċi reliġjużi jew espressjoni tal-kuxjenza, jew għal relazzjonijiet sesswali bejn adulti kunsensjati, u huwa mifhum ukoll li l-ambitu qatt m'għandu jmur lil hinn mill-aktar reati serji intenzjonali.
- ii) Il-piena kapitali qatt m'għandha tiġi prevista fil-liġi bħala sentenza obligatorja.

- iii) Il-piena kapitali m'għandhiex tiġi imposta għal reat li għalih ma kinitx preskritta l-piena tal-mewt fil-ħin meta twettaq, waqt li huwa mifhum illi jekk, wara t-twettieq tar-reat, issir dispożizzjoni fil-liġi għall-impożizzjoni ta' kastig iżgħar, il-kriminal għandu jgawdi minnha.
- iv) Il-piena kapitali m'għandhiex tiġi imposta fuq:
Persuni taħt it-18-il sena fil-ħin meta twettaq ir-reat tagħhom;
Nisa tqal, ommijiet ġodda u nisa li qed ireddgħu;
Persuni li jsofru minn kwalunkwe marda mentali jew li għandhom diżabbiltà intellettuali;
Ix-xjuħ,
- v) Il-piena kapitali m'għandhiex tiġi imposta jekk il-ħtija tal-persuna akkużata mhix ibbażata fuq prova ċara u konvinċenti u li tagħti lok għal spjegazzjoni alternattiva tal-fatti. F'dan ir-rigward, l-użu tat-tortura biex jinġiebu dikjarazzjonijiet ta' ħtija għandha tiġi pprojbita.
- vi) Għandha tkun meħtieġa sentenza finali minn qorti kompetenti indipendenti u imparzjali wara proċedimenti legali, inkluż dawk quddiem qrati u ġurisdizzjonijiet speċjali, li joffru s-salvagwardji kollha possibbli sabiex ikun żgurat proċess ġust, tal-inqas ekwivalenti għal dak li hemm fl-Artikolu 14 tal-Ftehim Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, inkluż id-dritt li kull persuna suspettata jew akkużata b'reat li għalih tista' tingħata l-piena kapitali jkollha għal assistenza legali adegwata fl-istadji kollha tal-proċedimenti¹³.
- vii) Meta jiġi kkunsidrat jekk il-proċedimenti legali jipprovdux is-salvagwardji kollha possibbli sabiex jiġi żgurat proċess ġust, għandha tingħata attenzjoni speċjali għal jekk xi ħadd suspettat jew akkużat b'reat li għalih il-piena kapitali tista' tiġi imposta ġiex informat dwar id-dritt li jikkuntattja rappreżentant konsulari¹⁴.

¹³ Ta' rilevanza partikolari huma d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 bir-riżultat li persuna għandha dritt għall-assistenza legali mingħajr ma tħallas fi kwalunkwe tali każ jekk ma jkollhiex mezzi suffiċjenti biex tħallas għaliha u fejn meħtieġ, id-dritt li jkollha assistenza b'xejn ta' interpretu.

¹⁴ Konvenzjoni ta' Vjenna dwar Relazzjonijiet Konsulari 63, Artikolu 36.1.

- viii) It-tribunali militari ma jistgħux jimponu sentenzi tal-mewt fuq persuni ċivili fi kwalunkwe ċirkustanza¹⁵.
- ix) Kull persuna li tingħata s-sentenza tal-mewt għandu jkollha d-dritt effettiv ta' appell f'qorti ta' ġurisdizzjoni oġġla.
- x) Fejn hu applikabbli, kwalunkwe persuna li tingħata s-sentenza tal-mewt għandu jkollha d-dritt li tressaq ilment individwali taħt proċeduri internazzjonali jew reġjonali; is-sentenza tal-mewt ma tiġix esegwita waqt li l-ilment jibqa' taħt il-konsiderazzjoni taħt dawk il-proċeduri; il-piena tal-mewt ma tiġix esegwita sakemm kwalunkwe proċedura legali jew formali relatata, fil-livell internazzjonali, reġjonali jew nazzjonali, tkun pendenti.
- xi) Kwalunkwe persuna li tingħata s-sentenza tal-mewt għandu jkollha d-dritt li titlob maħfra jew kommutazzjoni tas-sentenza. Amnestija, maħfra jew kommutazzjoni tas-sentenza tal-mewt jistgħu jingħataw fil-każijiet kollha tal-piena kapitali; is-sentenza tal-mewt ma tiġix esegwita waqt li tali applikazzjonijiet jibqgħu taħt konsiderazzjoni taħt dawk il-proċeduri rilevanti fi stat.
- xii) Il-piena kapitali ma tistax tiġi esegwita f'każ ta' ksur ta' impenji internazzjonali ta' stat.
- xiii) Għandha tingħata konsiderazzjoni għat-tul ta' żmien li wieħed iqatta' jistenna l-eżekuzzjoni u l-kundizzjonijiet ta' priġunerija wara li jkun ikkundannat għall-mewt, b'kont meħud li l-kundizzjonijiet tal-priġunerija ta' persuni li jkunu qed jistennew l-eżekuzzjoni m'għandhom ikunu inferjuri għal dawk ta' ħabsin oħra. Dawn l-elementi jistgħu jikkostitwixxu forom ta' tortura jew trattament jew pieni inumani jew degradanti¹⁶.

¹⁵ Riżoluzzjoni 2004/25 dwar l-impożizzjoni tal-Piena tal-Mewt fuq Persuni Ċivili minn Tribunali Militari tas-Sottokommissjoni tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; Grupp ta' Ħidma dwar id-Detenzjoni Arbitrarja, Dok. tan-NU E/CN.4/1999/63, para.80; Rapport tar-Relatur Speċjali dwar l-Eżekuzzjonijiet Ekstra Ġudizzjarji Awissu 2012, paragrafi 33 u 121.

¹⁶ L-UE kif ukoll in-NU u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem taw leġittimità lill-fenomeni tal-istennija għall-eżekuzzjoni (ara l-Linji Gwida tal-UE dwar it-Tortura u Trattament Krudili Ieħor, ir-Rapport Interim tar-Relatur Speċjali dwar it-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, A/67/279, 9 Awwissu 2012 u Soering v UK (1989) 11 EHRR 439).

- xiv) Fejn il-piena kapitali sseħħ minkejja l-aħjar sforzi tal-UE biex tippreveniha, hija għandha titwettaq biss b'mod li tikkawża l-inqas tbatija possibbli. Ma tistax titwettaq fil-pubbliku jew bi kwalunkwe mod ieħor bil-ħsieb li tiddegrada aktar il-persuna li tkun qed taffaċċja l-eżekuzzjoni. Bl-istess mod, m'għandhiex tiġi pprattikata fis-segretezza¹⁷. Il-familja u l-avukati tal-priġunieri li qed jistennew l-eżekuzzjoni għandhom jiġu nnotifikati bid-dettalji tal-eżekuzzjoni tagħhom¹⁸.
- xv) Il-piena tal-mewt m'għandhiex tiġi applikata jew użata b'mod diskriminatorju fuq kwalunkwe bażi inklużi l-affiljazzjoni politika, is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.
-

¹⁷ Rapport tal-2010 tas-SG lill-UNGA (A/65/280): para: 72

¹⁸ Il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem sab li n-nuqqas ta' notifika lill-familja u lill-avukati tal-priġunieri li qed jistennew l-eżekuzzjoni huwa inkompatibbli mal-Artikolu 7 u 10, paragrafu 1, tal-ICCPR: Osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem: Ġappun, dokument tan-NU CCPR/C/79/Add.102, 19 ta' Novembru 1998, para. 21.